# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 167 / 16RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B *sive* C D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

A. Dikjarazzjoni tal-fatti

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar id-29 ta' April 1984, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, Sharon D, illi llum hija moggorenni u mizzewga.

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak u tkisser irrimdjabilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti fil-Ligi, fosthom ingurji, sevizzi, eccessi, minacci u adulterju da parti tal-konvenut.

3. Illi l-esponenti hija awtorizzata tipprocedi b' din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 25 ta' Mejju 2016.

4. Illi ma hemmx possibilita ta' rikonciliazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri:

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi.

C. Talbiet Attrici

Ghaldaqstant l-esponenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

l. Tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-Ligi, imputabbli lill-konvenut;

2. Tiffissa retta alimentarja xierqa pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha nnifisha.

3. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn l-partijiet, occorendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-Komunjoni ta' l-Akkwist, f' ishma illi mhux necessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet, jekk jkun il-kaz.

5. Tassenja lil kull parti l-beni parafernali taghha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-riferta tas-16 ta' Novembru 2016, Fol 19 a tergo, li minnha jirrizulta li l-konvenut gie personalment notifikat dik n-nhar stess fl-indirizz moghti fil-Hamrun;

Rat in-nota tal-attrici li maghha annettiet l-affidavit taghha mahluf fis-6 ta' Jannar 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fis-6 ta' Jannar 2017, Fol 22, ikkonfermat li zzewget lill-konvenut fid-29 ta' April 1984, kellhom tifla, Sharon li hi mizzewga u omm. Hi toqghod ma' ommha fl-indirizz 'Rio' 35, William Savona Street,San Gwann mentri l-konvenut joqghod fl-indirizz 96, Vincenzo Bugeja Street, Hamrun.

Iddikjarat li matul iz-zwieg kienet kostretta tohrog tahdem billi kemm-il darba zewgha kien bla xoghol u l-flus li kien jaqla', mhux l-ewwel darba li kien jilghabhom il-Marsa fuq iz-zwiemel. Qabel ma nfirdu sentejn qabel, zewgha ammetta li hu d-debitur taghha fl-ammont ta' Euro 5550 u tghid li wara kawza hallasha l-ammont ta' Euro550 u ghad faddallu jhallasha il-bilanc ta' Euro 4995.

Semmiet illi zewgha naqas li jattendi ghall-laqghat fil-medjazzjoni, u lanqas deher ghas-seduti quddiem il-Qorti.

Hi kkonkludiet l-affidavit taghha billi kkonfermat li r-responsabilita' tat-tkissir taz-zwieg kienet unikament ta' zewgha u ghalhekk qed titlob ghas-separazzjoni personali, ma tipprettendhiex manteniment minn ghandu, ma hemmx assi fil-komunjoni tal-akkwisti billi zewgha ma xtara xejn waqt iz-zwieg, u l-affarjiet parafernali taghhom gja' haduhom; tinsisti pero, li jigi dikjarat li zewgha ghandu jaghtiha l-ammont ta' Euro 4995 li hi kienet silfitu biex jhallas id-dejn li kellu, kif ukoll li ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**KONSIDERAZZJONIJET.**

Il-konvenut, ghalkemm notifikat, baqa' kontumaci u ma ipprezenta l-ebda risposta. Il-kontumacja ma tammontax ghall-ammissjoni u kif gie ritenut fl-kawza fl-ismijiet "**Joseph Vella vs Pierre Cremona"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003 il-Qorti f'kull kaz dejjem tirrkjedi l-ahjar prova skond l-Artikolu 559 tal-Kap. 12.

L-attrici ipproduciet biss bhala prova affidavit konciz taghha. Huwa minnu illi la qed tippretendi manteniment minghand zewgha u lanqas qed tippretendi li hemm assi tal-komunjoni jew parafernali x'jigu assenjati lilha. L-unika pretensjoni li hija ghandha tirrigwarda allegat hlas li l-attrici tghid li ghamlet ghal dejn tal-konvenut.

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

L-attrici takkuza lill-konvenut illi kien unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba li kien jilghab il-flus fuq it-tigrijiet taz-zwiemel. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda kontradetta. Il-konvenut mhux biss ma pprezentax risposta guramentata izda qatt ma deher tul il-kors tal-kawza. Peress li hawn qeghdin fil-kamp civili il-Qorti qed tikkonkludi illi fuq bazi ta' probabilita' it-tkissir taz-zwieg tal-partijiet sehh ghar-raguni mressqa mill-attrici u ghalhekk tikkonkludk wkoll illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut.

**Manteniment u Komunjoni**.

Fl-affidavit taghha l-attrici iddikjarat li ma hiex qed tippretendi manteniment minghand zewgha u li assi tal-komunjoni jew parafernali ma kienx ghad hemm x'jigi diviz. Qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef disa' minja u hamsa u disghin ewro li skond l-attrici jirraprezentaw bilanc minn somma akbar li hi selfitu "biex ihallas id-dejn li kien ghamel".

Peress li l-partijiet ghamlu wiehed u tletin sena mizzewgin, isegwi illi kwalunkwe dejn li gie generat matul iz-zwieg kien dejn tal-komunjoni. L-atttrici talega li selfet xi flus lil zewgha pero' naqset milli tipproduci prova ta' dan. Fi kwalunkwe kaz il-presunzjoni hi illi l-flus li setghat ghaddiet lil zewgha kienu wkoll flus tal-komunjoni u ghalhekk ma treggiex it-talba tal-attrici li "selfet" flus lil zewgha.

Fl-affidavit taghha tghid illi "qabel ma nfridna definittivament sentejn ilu, zewgi intrabat li huwa debitur lejja fl-ammont ta' Euro 5,550 li minnhom wara kawza hallas Euro 550 u baqalu jaghtini Euro 4995."

L-attrici ma taghtiex spjegazzjoni ta' kif zewgha "intrabat" li huwa debitur lejha ta' Euro 5,500. Lanqas tispjega xi trid tghid meta stqarret li "wara kawza" l-konvenut hallasha akkont is-somma ta' Euro 550.

Jekk saret kawza allura prezumibilment hemm sentenza ta' kanonizzazzjoni b'dan li mhux mehtieg li jkun hemm sentenza ohra. Jekk ma saritx kawza allura jfisser illi fil-kawza odjerna l-attrici naqset milli tressaq provi sodisfacenti dwar din l-ahhar pretensjoni taghha. Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell citata supra ntqal 'inter alia': " Il-kontumacja tal-konvenut ma tehlisx lill-attur mill-htiega li jaghmel il-prova tal-fatti li fuqhom hija mibnija t-talba tieghu, u anzi l-htiega li jaghmel l-ahjar prova, kif irid l-Artikolu 559 issir aktar urgenti, billi l-Qorti jkollha toqghod fuq ix-xhieda ta' wahda mill-partijiet".

Fi kwalunkwe kaz din il-pretensjoni tal-attrici ma tinkwadrax ruhha fit-talbiet attrici.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

2. Tichad it-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna x-xoljiment u c-cessazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

4. Tiddisponi mir-raba' talba attrici billi tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni tal-akkwisti x'jigu divizi.

5. Tichad il-hames talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**